TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 278/10

**Salvatore La Grasta**

**vs**

**B.T. Building**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Lulju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija u erbgħin ewro (€640), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* li wara li ġie nstallat, fix-xitwa ma bediex itella' t-temperatura meħtieġa biex jisħon.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kienu xtraw *solar water heater,* pero' fix-xitwa dan is-*solar water heater* ma kienx isaħħan biżżejjed.

L-intimat issottometta biss risposta bil-miktub.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal tenut kont ta' diversi sentenzi li ta, u kif ukoll illi fix-xitwa s-*solar water heater* ma jaħdimx tajjeb forsi daqs ix-xhur l-oħra ta' matul is-sena.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888